HR/MFAA/053/2023

Cirkulari Nru. HR/MFAA/053/2023

Ministeru għall-Anzjanità Attiva
46 Level 5, Palazzo Spinola
Triq San Kristofru
Il-Belt Valletta VLT 1464

Data: 28 ta' Lulju 2023

Lis-Segretarji Permanenti
Lid-Diretturi Ġenerali
Lid-Diretturi
Lill-Kapijiet ta’ Organizzazzjonijiet fis-Settur Pubbliku

**Pożizzjoni ta' Fire Team Officer fil-Ministeru għall-Anzjanità Attiva**

*Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

1. Is-Segretaru Permanenti, Ministeru għall-Anzjanità Attiva tilqa’ applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta’ Fire team Officer fil-Ministeru għall-Anzjanità Attiva.

**Tul tal-assignment u kundizzjonijiet**

2.1 Il-persuna magħżula tinħatar fil-Pożizzjoni ta’ Fire Team Officer fil-Ministeru għall-Anzjanità Attiva.

2.2 Il-pożizzjoni ta’ Fire team Officer hija suġġetta għal perjodu ta’ prova ta’ sitt (6) xhur.

2.3 Jekk il-persuna magħżula tkun impjegata ta’ organizzazzjoni fis-Settur Pubbliku aktar wiesgħa, hi tkun meħtieġa tagħmel l-arranġamenti tagħha sabiex tkun rilaxxata mal-Ministeru għall-Anzjanità Attiva.

2.4 L-aċċettazzjoni ta’ ħatra f’din il-pożizzjoni tfisser li kwanlunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC/ADAC jew applikazzjonijiet għal pożizzjoni definita.

2.5 L-applikanti magħżula huma obbligati li jżommu l-kundizzjoni fiżika tagħhom biex iwettqu l-firxa ta' dmirijiet marbuta ma' din il-pożizzjoni. L-Amministrazzjoni tista' twettaq testijiet fiżiċi kif meħtieġ.

2.6 Waqt il-perjodu ta' prova hemm taħriġ li għandu jiġi komplut b'suċċess. Il-pożizzjoni tkun konfermata meta il-kandidati jkunu temmew b'suċċess fażijiet diversi ta' taħriġ li jinkludi taħriġ fuq il-post, taħriġ bażiku u avvanzat organizzat mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili u kwalunkwe taħriġ ieħor skont kif stipulat mill-Ministeru.

**Salarju marbut mal-pożizzjoni**

3. Is-salarju marbut mal-pożizzjoni ta’ Fire Team Officer huwa ekwivalenti għal Skala ta’ Salarju 12 li fis-sena 2023 huwa ta' €20,270.04 fis-sena, li jiżdied b'€354 fis-sena sa massimu ta' €22,394.04.

**Dmirijiet**

4. Id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni ta’ Fire team Officer jinsabu fl-Anness A mehmuż ma’ din iċ-Ċirkolari.

**Rekwiżiti tal-Eliġibbilita'**

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta li huma mislufin/detailed/deployed/attached ma' Organizzazzjonijiet fis-Settur Pubbliku u ħaddiema tas-Settur Pubbliku:

a) Fi Skala mhux anqas minn Skala 16 u sa Skala 12, jew Uffiċjali mal-RSSL jew organizzazzjonijiet tas-Settur Pubbliku f'livell komparabbli ta' responsabbiltà.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.

5.2 Biex jiġi dditerminat u ikkumparat il-livell ta' responsabbilta' tal-impjegati tas-Settur Pubbliku mal-livell ta' responsabbilta' meħtieġ minn uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal din il-pożizzjoni, il-Bord tal-Għażla għandu dejjem u formalment jikkonsulta mad-Direttur/HR Manager responsabbli tal-entita' rispettiva tas-Settur Pubbliku.

5.3 L-arranġament preżenti, fejn ħaddiema tas-Settur Pubbliku li huma ssekondati mas-Servizz Pubbliku jibqgħu fuq il-kotba tal-entita' rispettiva, jibqa' japplika, bil-kunsens tal-entita', f'kas li ħaddiema tas-Settur Pubbliku li jintgħażlu għall-pożizzjoni.

Ħaddiema tal-RSSL li jiġu magħżula għal din il-pożizzjoni ikollhom l-impjieg tagħhom mal-RSSL awtomatikament terminat wara li jtemmu b'suċċess il-perjodu ta' prova.

5.4 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafu 5.1, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata f'ambjent ta' sptar.

5.5 Tingħata preferenza lill-kandidati li jipprovdu evidenza li għaddew minn taħriġ fit-tifi tan-nar u li għandhom esperjenza ppruvata fit-tifi tan-nar.

5.6 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'din il-pożizzjoni, skont 5.1 – 5.5 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

5.7 L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-Bord tal-Għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippublikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant) jew l-HR Unit tal-mininteru / dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppublikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-Bord tal-Għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

5.8 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw il-proviżżjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

**Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni**

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/transkrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal fuq https://recruitment.gov.mt.

6.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

**Proċeduri tal-Għażla**

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adattat għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

**Sottomissjoni tal-Applikazzjoni**

8.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tas-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Anzjanità Attiva, permezz tar-Recruitment Portal biss f'dan l-indirizz: https://recruitment.gov.mt. L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandha tinkludi lista tal-kwalifiċi tal-applikant). Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet. Fil-każ ta' impjegati tas-Settur Pubbliku li huma ssekondati mas-Servizz Pubbliku jew ħaddiema tal-RSSL, l-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet għandu jagħmel talba għal rapport ta' kwalunkwe perjodu ta' xogħol b'sigħat imnaqqsa jew fuq bażi part-time, leave mingħajr ħlas inkluż leave tal-mard mhux imħallas u/jew kwalunkwe perjodu ta' assenza mid-dmirijiet tagħhom, kif ukoll rapport ta' xi azzjonijiet dixxiplinarji (fl-assenza ta' tali rapport jiġi mifhum li qatt ma ttieħdet azzjoni dixxiplinarja). Fil-każ ta' impjegati tas-Settur Pubbliku li huma ssekondati mas-Servizz Pubbliku, l-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet għandu jagħmel talba għal konferma mingħand id-Direttur responsabbli mill-Immaniġġjar tan-nies tal-Ministeru (fejn l-applikanti qed iwettqu d-dmirijiet) li huma qegħdin uffiċjalment iwettqu d-dmirijiet f'dak il-Ministeru. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija **13**:30 (Ħin tas-Sajf Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 11 ta' Awwissu 2023. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fil-provedimenti ġenerali msemmija hawn isfel.

8.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

8.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

8.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar; biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

**Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra**

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-

- benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
- bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilità;
- sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
- pubblikazzjoni tar-riżultat ;
- il-proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
- aċċess għall-formola tal-applikazzjonijiet u dettalji relatati;
- żamma ta' dokumenti

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards fl-indirizz https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf
jew jinkisbu mill-Ministeru għall-Anzjanità Attiva. Dawn il-provvedimenti ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku, numru tal-fax u l-indirizz elettroniku tad-Dipartiment/Diviżjoni/Direttorat huma mfaa.gov.mt, u hr.mfaa@gov.mt.

Christine Schembri
Segretarju Permanenti
Ministeru għall-Anzjanità Attiva